

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 57/2009

tad-29 ta' Mejju 2009

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 42/2009 tal-24 ta' April 2009 ⁽¹⁾.
 - (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 721/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-batterju li fih ħafna karotenojdi ħomor *Paracoccus carotinifaciens* bħala addittiv fl-għalf ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
 - (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 971/2008 tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar użu ġdid tal-coccidiostat bħala addittiv fl-għalf ⁽³⁾, kif korrett mill-ĠU L 267, 8.10.2008, p. 32, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
 - (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2008 tas-6 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2430/1999, (KE) Nru 418/2001 u (KE) Nru 162/2003 fir-rigward tat-termeni tal-awtorizzazzjoni tal-addittiv fl-għalf Clinacox, li jagħmel parti mill-grupp ta' coccidiostats u ta' sustanzi mediċinali oħra ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
 - (5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/76/KE tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali ⁽⁵⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
 - (6) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/82/KE tat-30 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 2008/38/KE dwar għalf maħsub bħala għajnuna tal-funzjoni tal-kliewi f'każ ta' insuffiċjenza kronika tal-kliewi ⁽⁶⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
 - (7) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,
1. L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal fil-punti 1k (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2430/1999), 1t (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 418/2001) u 37 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 162/2003):

— **32008 R 0976:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2008 tas-6 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 266, 7.10.2008, p. 3)."
 2. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 1zzzzr (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 775/2008):

"1zzzzs. **32008 R 0721:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 721/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-batterju li fih ħafna karotenojdi ħomor *Paracoccus carotinifaciens* bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 23).

1zzzzt. **32008 R 0971:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 971/2008 tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar użu ġdid tal-coccidiostat bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 265, 4.10.2008, p. 3), kif korrett mill-ĠU L 267, 8.10.2008, p. 32."
 3. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 14c (Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/38/KE):

"kif emendat minn:

— **32008 L 0082:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/82/KE tat-30 ta' Lulju 2008 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 48)."
 4. L-inċiż li ġej għandu jinżied fil-punt 33 (id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

— **32008 L 0076:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/76/KE tal-25 ta' Lulju 2008 (ĠU L 198, 26.7.2008, p. 37)."

⁽¹⁾ ĠU L 162, 25.6.2009, p. 19.⁽²⁾ ĠU L 198, 26.7.2008, p. 23.⁽³⁾ ĠU L 265, 4.10.2008, p. 3.⁽⁴⁾ ĠU L 266, 7.10.2008, p. 3.⁽⁵⁾ ĠU L 198, 26.7.2008, p. 37.⁽⁶⁾ ĠU L 202, 31.7.2008, p. 48.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 721/2008, 971/2008, kif korretti permezz tal-ĠU L 267, 8.10.2008, p. 32 u 976/2008, u tad-Direttiva 2008/76/KE u 2008/82/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Mejju 2009, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew maħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati